31982D0960

L 386/48 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1982

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat– 23 ta' Diċembru 1982
## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/734/KEE dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Konfederazzjoni Svizzera approvata għall-iskopijiet ta' l-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità

(82/960/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi tas-saħħa u veterinarji meta jiġu importati l-annimali tal-ifrat u laħam tal-majjali u frisk minn pajjiżi terzi ([1]), u partikolarment Artikoli 4(1) u 18 (1) (a) u (b) tagħha,

Billi l-lista ta' stabbilimenti fl-Isvizzera, approvati għall-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il- Komunità, ġiet stabbilita inizzjament bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/734/KEE ([2]);

Billi ispezzjoni normali saret bl-applikazzjoni ta' Artikolu 5 tad-Direttiva 72/462/KEE u l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissoni 80/15/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 dwar l-ispezzjonijiet fuq il-post li għandhom jitwettqu dwar l-importazzjoni ta' l-annimali tal-ifrat, majjali u laħam frisk minn pajjiżi li mhumiex membri ([3]), wriet li l-livell ta' l-iġjene ta' xi stabbilimenti jista' jitqies soddisfaċenti; billi dawn l-istabbilimenti jistgħu għalhekk jibqgħu jew jiddaħħlu fil-lista tal-Komunità;

Billi din l-ispezzjoni b'dana kollu svelat, li f'xi każi sar sforz insuf-fiċjenti biex jitjiebu l-*istandard* ta' l-iġjene, u li f'każ oħrajn dawk l-*istandards* niżlu; billi l-kondizzjoni ta' wħud minn dawn il-postijiet ma teħtieġx l-irtirar immedjat ta' l-approvazzjoni, imma tiġġustifika limitazzjoni fuq l-approvazzjoni Komunitarja għal terminu fiss li fit-tmiem tiegħu l-approvazzjoni imsemmija tagħlaq, sakemm sadanittant, il-miżuri meħtieġa ma jkunux twettqu u ġew verifikati b'ispezzjoni ulterjuri fuq il-post, li għandha tintalab mill-awtoritajiet Svizzeri meta dawn iqisu li huwa meħtieġ;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li l-lista ta' stabbilimenti tiġi emendata;

Billi l-miżuri kkontemplati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 82/734/KEE hija b' dan emendata kif ġej

1. Artikolu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "*Artikolu 4*

   Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta u, jekk meħtieġ, emendata qabel it-30 ta' Ġunju 1983, b'akkont meħud partikolarment tal-miżuri applikati mill-awtoritajiet Svizzeri fl-oqsma ta' l-ispezzjonijiet veterinarji u ta' l-iġjene tal-qtil"

2. L-Anness huwa mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-23 ta' Diċembru 1982.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
([2]) ĠU L 311, tat-8.11.1982, p. 13.
([3]) ĠU L 8, tat-12.1.1980, p. 26.

*ANNESS*

**LISTA TA' STABBILIMENTI**

I. LAĦAM TAL-IFRAT

A. **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**

| Stabbiliment Nru | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|
| 115 | Gustav Spiess | 9442 Berneck |
| 121 | Gehrig AG | 4710 Klus |
| 124 | Braunwalder AG | 5610 Wohlen |
| 145 | Grieder AG | 4702 Oensingen |
| 155 | FF Frischfleish AG | 6210 Sursee |
| 156 | E. Anderegg AG | 4446 Buckten |

B. **Biċċeriji**

| | | |
|---|---|---|
| 102 | Stadtischer Schlachthof | 3014 Bern |
| 103 | Stadtischer Schlachthof | 4000 Basel 25 |
| 107 | Stadtischer Schlachthof | 9015 St. Gallen |

Ċ. **Postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 228 | Ernst Sutter, Fleischwaren | 9202 Gossau |
| 280 | Reber AG, Fleischhandel | 3550 Langnau |
| 295 | Transcarna AG | 4123 Allschwil |

II. Laħam tal-Majjal

A. **Biċċeriji u Postijiet tat-Tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 115 | Gustav Spiess | 9442 Berneck |
| 121 | Gehrig AG | 4710 Klus |
| 124 | Braunwalder AG | 5610 Wohlen |
| 145 | Grieder AG | 4702 Oensingen |
| 155 | FF Frischfleish AG | 6210 Sursee |
| 156 | E. Anderegg AG | 4446 Buckten |

B. **Biċċeriji**

| Stabbiliment | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|
| 102 | Stadtischer Schlachthof | 3014 Bern |
| 103 | Stadtischer Schlachthof | 4000 Basel 25 |
| 107 | Stadtischer Schlachthof | 9015 St. Gallen |
| 110 | Gebr. Kunz, Fleisch — und Wurstproduktion AG | 8865 Bilten |
| 136 | Micarna | 9602 Bazenheid |

Ċ. **Postijiet tat-Tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 228 | Ernst Sutter, Fleischwaren | 9202 Gossau |
| 280 | Reber AG, Fleischhandel | 3550 Langnau |